A.L. 233 tal-2010

ORDINANZA DWAR IL-PENSJONIJIET
(KAP. 93)

Ordni tal-2010 dwar l-Impjieg mad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8A tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "1-Ordinanza", il-President għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. Dan 1-ordni jista' jissejjaħ 1-Ordni ta1-2010 dwar l-Impjieg mad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet.

Tismija skont l-artikolu 8A tal-Ordinanza.

2. B'effett mid-19 ta' Novembru 2007, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi qed tiġi speċifikata bħala entità li magħha uffiċjal jew impjegat li jtemm is-servizz mal-Gvern ikun jista' jieħu impjieg tal-ħin kollu skont 1-artikolu 8A ta1-Ordinanza u għall-finijiet tiegħu.